MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 1006/2006

**IS-SOĊJETA' EURO CHEMIE PRODUCTS LIMITED (C-5627)**

vs

**MALTA INDUSTRIAL PARKS LIMITED** u l-Kummissarju tal-Pulizija, għal kwalunkwe interess li jista' jkollhom

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-6 ta' Novembru, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "ECP") talbet li din il-Qorti (a) ssib – jekk meħtieġ permezz ta' riferenza preliminari lill-Qorti fis-sede kostituzzjonali tagħha – li s-

setgħat mogħtija lill-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "MIP") permezz tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 169 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 228 tal-Liġijiet ta' Malta jiksru d-drittijiet fundamentali tas-soċjeta' attriċi kif imħarsin bl-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta li nkorpora l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem; (b) issib ma jiswiex l-Ordni ta' Żgumbrament bid-data tal-25 ta' Settembru, 2006, li bih MIP ordnat lil ECP biex toħroġ mill-fabbrika RL20A fil-Qasam Industrijali ta' Rikażli minħabba li sar bi ksur tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ċ) iżżomm lil MIP u lill-Kummissarju tal-Pulizija milli jwettqu l-imsemmi Ordni ta' Żgumbrament. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Novembru, 2006, li bih u fuq talba magħmula b'rikors ta' ECP, ordnat li l-kawża titqiegħed għas-smigħ biex titqies it-talba għas-smigħ tal-kawża bl-urġenza;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-6 ta' Diċembru, 2006, li fih issemma li l-Ordni ta' Żgumbrament twettaq fl-10 ta' Novembru, 2006;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija fis-7 ta' Diċembru, 2006, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li huwa tħarrek għalxejn għaliex hu ma kellu l-ebda sehem fit-teħid tal-"għamil amministrativ" tad-deċiżjoni tat-tneħħija ta' ECP mill-fabbrika mikrija lilha, u lanqas għandu xi setgħa joħroġ Ordni bħal dik, li għaliha trid twieġeb biss MIP; minbarra dan, ladarba l-Ordni diġa twettaq, il-mertu tal-azzjoni attriċi hu eżawrit, u għalhekk imissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża. Fil-mertu, laqa' billi qal li, minkejja li s-sehem tal-Pulizija huwa wieħed limitat għall-preżenza ta' uffiċjal tal-Korp fil-ħin tal-iżgumbrament, l-allegazzjonijiet ta' ECP ma kinux mistħoqqa u lanqas jagħtu lok għall-ħlas ta' danni. Żied jgħid li ECP naqset li ssemmi liema jedd fundamentali nkiser bil-ħruġ tal-Ordni ta' Żgumbrament, u li hu bl-ebda mod ma aġixxa *ultra vires* is-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi. F'kull każ, dwar l-allegazzjoni ta' ECP dwar l-allegata inkompatibilita' tal-artikoli msemmija tal-Kapitoli 169 u 228 tal-Liġijiet ta' Malta mal-artikolu 6

tal-Konvenzjoni, l-Qorti Kostituzzjonali kienet diġa' tat il-fehmiet tagħha f'sentenza mogħtija xi ftit taż-żmien qabel[1];

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija intimata MIP fil-11 ta' Diċembru, 2006, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jgħoddux għaliha. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-mertu tal-azzjoni ntemm għaliex l-Ordni ta' Żgumbrament twettaq, u hi mxiet bil-mod li trid il-liġi, filwaqt li l-ebda parti mid-dispożizzjonijiet tal-Kap 169 u l-Kap 228 ma jiksru l-Kostituzzjoni ta' Malta jew il-Kap 319. Irriżervat li tressaq eċċezzjonijiet oħrajn hekk kif ECP tiċċara xi wħud mill-premessi tal-azzjoni tagħha;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat difensur tal-kumpannija attriċi waqt is-smigħ tal-14 ta' Diċembru, 2006, li biha rtira t-talba biex il-Qorti tisma' l-kawża b'urġenza, fid-dawl tal-iżviluppi li seħħew minn dak inhar li kienet infetħet il-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Diċembru, 2006, li bih ordnat li jiġu trattati l-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari tal-intimat Kummisarju tal-Pulizija u l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari ta' MIP;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Jannar, 2007[2], li bih ċaħdet talba magħmula minn ECP b'rikors tagħha tat-18 ta' Diċembru, 2006, biex tordna t-tneħħija tat-Tweġibiet Maħlufa tal-intimati mill-atti tal-kawża;

Rat id-degriet kamerali tagħha tas-16 ta' Mejju, 2007[3], li bih ċaħdet talba oħra magħmula minn ECP waqt is-smigħ tat-23 ta' Jannar, 2007, biex issib li t-Tweġiba Maħlufa mressqa minn MIP ma kinitx tiswa għax saret bi ksur tal-liġi;

---

[1] Kost. **11.4.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emmanuel Camilleri et vs Kummissarju tal-Artijiet*** (Rik. Nru. 5/2005)
[2] Paġ. 32 tal-proċess
[3] Paġġ. 94 – 6 tal-proċess

Rat is-sentenza preliminari mogħtija minnha fid-29 ta' Settembru, 2009[4], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ħelset lill-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija milli jibqa' aktar fil-kawża, u ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari ta' MIP billi sabet li azzjoni bħal dik mibdija minn ECP setgħet titressaq kontra MIP bħala "awtorita' pubblika" u wkoll li ECP kien għad fadlilha interess ġuridiku li s-smigħ tal-kawża jitkompla, minkejja li l-Ordni ta' Żgumbrament kontriha kien twettaq;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partjiet u kif ukoll il-provi dokumentali mressqin minnhom;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Ġunju, 2012[5], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi tal-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Settembru, 2012, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju dwar Ordni ta' Żgumbrament maħruġ kontra l-kumpannija attriċi biex toħroġ minn fabbrika mikrija lilha f'qasam industrijali. ECP qiegħda tgħid li l-Ordni li bih tneħħiet mill-imsemmija fabbrika ma jiswiex għaliex inħareġ bi ksur tal-jeddijiet tagħha li tingħata smigħ xieraq qabel ma deċiżjoni bħal dik titwettaq. Fuq kollox, tgħid li t-teħid ta' dik id-deċiżjoni kien abbusiv għaliex magħmul bi ksur tal-prinċipji tal-ħaqq naturali u għal għanijiet mhux xierqa jew konsiderazzjonijiet irrilevanti bi ksur tal-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Hija qiegħda għalhekk titlob li dak l-ordni jitħassar;

---

[4] Paġġ. 110 – 122 tal-proċess
[5] Paġ. 271 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni, MIP laqgħet billi, b'mod preliminari, qalet li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jgħoddux għaliha. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-mertu tal-azzjoni ntemm għaliex l-Ordni ta' Żgumbrament twettaq u hi mxiet kif trid minnha l-liġi, filwaqt li żiedet tgħid li l-ebda parti mid-dispożizzjonijiet tal-Kap 169 u l-Kap 228 ma jiksru l-Kostituzzjoni ta' Malta jew il-Kap 319. Irriżervat li tressaq eċċezzjonijiet oħrajn hekk kif ECP tiċċara xi wħud mill-premessi tal-azzjoni tagħha;

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li huwa tħarrek għalxejn għaliex hu ma kellu l-ebda sehem fit-teħid tal-"għamil amministrativ" tad-deċiżjoni tat-tneħħija ta' ECP mill-fabbrika allokata lilha, u lanqas għandu xi setgħa joħroġ Ordni bħal dak, li għalih trid twieġeb biss MIP; minbarra dan, ladarba l-Ordni diġa twettaq, il-mertu tal-azzjoni attriċi hu eżawrit, u għalhekk imissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża. Fil-mertu, laqa' billi qal li, minkejja li s-sehem tal-Pulizija huwa wieħed limitat għall-preżenza ta' uffiċjal tal-Korp fil-ħin tal-iżgumbrament, l-allegazzjonijiet ta' ECP ma kinux mistħoqqa u lanqas jagħtu lok għall-ħlas ta' danni. Żied jgħid li ECP naqset li ssemmi liema jedd fundamentali nkiser bil-ħruġ tal-Ordni ta' Żgumbrament, u li hu bl-ebda mod ma aġixxa *ultra vires* is-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi. F'kull każ, dwar l-allegazzjoni ta' ECP dwar l-allegata inkompatibilita' tal-artikoli msemmija tal-Kapitoli 169 u 228 tal-Liġijiet ta' Malta mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-Qorti Kostituzzjonali kienet diġa' tat il-fehmiet tagħha f'sentenza mogħtija xi ftit taż-żmien qabel;

Illi b'sentenza preliminari li ngħatat fid-29 ta' Settembru, 2009, l-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija nħareġ mill-kawża billi nstab li ma kienx il-kuntradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Fl-istess waqt, ma ntlaqgħux l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari ta' MIP;

Illi għalhekk, din is-sentenza qiegħda taqta' l-mertu tal-azzjoni attriċi u l-eċċezzjonijiet fil-mertu ta' MIP għal dik l-azzjoni;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti tal-każ rilevanti għal dan l-istadju tal-kawża, jirriżulta li f'Mejju tal-1986 ECP talbet lill-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta (MDC) biex tingħata fabbrika ħalli fiha tipproduċi *toiletries*. Fit-8 ta' Ġunju, 1987[6], MDC bagħtet tgħarrafha li t-talba tagħha kienet intlaqgħet u nħarġet *letter of intent* li allokatilha fabbrika – magħrufa bħala RL 20 A – fil-Qasam Industrijali ta' Rikażli, u dan bil-kundizzjonijiet hemm imfissra[7];

Illi x-xogħol ewlieni ta' ECP kienet il-produzzjoni ta' linja ta' sapun u *toiletries* u bil-ħsieb li tħaddem ħamsa u erbgħin (45) ruħ[8]. Il-fabbrika għaddiet f'idejn ECP f'Jannar tal-1988. F'Marzu tal-2006, kienet tħaddem tliet (3) impjegati[9];

Illi minħabba xi problemi marbuta man-nuqqas ta' ħlas f'waqtu min-naħa ta' ECP tal-kera stabilit u raġunijiet oħrajn, kien hemm sensiela ta' laqgħat mal-MDC dwar iż-żamma tal-fabbrika[10]. F'Ġunju tal-2000[11], ECP resqet fuq kitba ta' kostituzzjoni ta' debitu mal-Malta Development Corporation dwar il-kera b'lura u kif kellu jitħallas. Sa Ottubru tal-istess sena, kien hemm tħassib min-naħa tal-M.D.C. minħabba li ECP ma kenitx żammet mal-ftehim[12]. Fl-2001, il-Korporazzjoni kienet fetħet kawża kontra ECP għall-ħlas tal-kera li kien waqa' lura u b'sentenza li ngħatat fi Frar ta' dik l-istess sena[13] l-kreditu kien kanonizzat. F'Diċembru tal-2002[14], Ecp resqet fuq kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' dejn dwar l-imsemmi kreditu kanonizzat;

Illi wara żmien, il-Gvern identifika l-Qasam Industrijali ta' Rikażli bħala s-sit fejn kien maħsub li jitwettaq il-proġett ta' *Smart City* u kien nieda programm li l-fabbriki li kien hemm mibnija f'dak il-Qasam sa dak iż-żmien jitwaqqgħu

---

[6] Dok "MIPA", f'paġġ. 25 – 6 tal-proċess
[7] Ara wkoll Dok "ECP27" bid-data tat-22 ta' Novembru, 1988, f'paġ. 197 tal-proċess
[8] Xhieda ta' Ernest Mallia 27.10.2011, f'paġġ. 252, 255 u 257 tal-proċess
[9] Dok "RVB2", f'paġ. 207 tal-proċess
[10] F'Settembru tal-2006, d-dokumenti tal-MIP juru li ECP kienet waqgħet lura fil-ħlasijiet fis-somma ta' € 55,832.52. Jidher ukoll li ECP kellha fabbrika oħra fl-istess Qasam (RL20B) li wkoll kellha ħlas b'lura dwarha, imma din m'hijiex kwestjoni fil-mertu ta' din il-kawża
[11] Dok "EM6", f'paġ. 239 tal-proċess
[12] Dok "EM8", f'paġ. 240 tal-proċess
[13] Ċitazz. Nru. 68/01RCP
[14] Dok "EM8", f'paġġ. 241 – 4 tal-proċess

biex jagħmlu wisgħa għall-imsemmi proġett. Dan kien jinvolvi proċess ta' tneħħija tal-okkupanti mill-imsemmija fabbriki. ECP kienet waħda minn fost tali okkupanti;

Illi fit-18 ta' Jannar, 2006[15], Malta Enterprise bagħtet twissi lil ECP li kien irriżultalha li ECP naqset milli tħares il-kundizzjonijiet tal-*letter of intent* f'dak li jirrigwarda l-użu li kienet qiegħda tagħmel mill-fabbrika u wkoll mill-għadd ta' ħaddiema li kienet tħaddem meta mqabbel mal-għadd maħsub. ECP kienet mitluba li ġġib il-qagħda regolari fi żmien erba' (4) ġimgħat. Fit-30 ta' Marzu, 2006[16], ECP rċeviet ittra oħra mibgħuta minn Malta Enterprise biex tgħarrafha li kienet qiegħda tirtira l-*letter of intent* ta' Ġunju, 1987, u talbitha trodd lura l-fabbrika lil MIP u widdbitha li, f'każ li tonqos li tagħmel dan, tieħu l-passi meħtieġa taħt il-Kapitolu 228 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-5 ta' Ottubru, 2006, ECP ressqet Protest Ġudizzjarju kontra MIP. Dak inhar ukoll, ECP ressqet Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni[17] kontra MIP biex iżżommha milli twettaq l-Ordni ta' Żgumbrament li kienet ħarġet kontriha, liema talba ma ntlaqgħetx b'degriet mogħti fis-6 ta' Ottubru, 2006;

Illi din il-kawża nfetħet fis-6 ta' Novembru, 2006. Fl-10 ta' Novembru, 2006, MIP wettqet l-Ordni ta' Żgumbrament;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-każ</u>, dak li, għall-finijiet tal-ewwel talba attriċi, l-Qorti trid tqis huwa s-siwi jew le tal-Ordni maħruġ minn MIP f'Settembru tal-2006. Minħabba li ftit jiem wara li tressqet il-kawża, MIP wettqet l-Ordni ta' Żgumbrament, ma hemmx lok aktar li l-Qorti tqis it-tieni talba attriċi. Għalhekk, jekk il-Qorti sejra ssib li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa, ir-rimedju li jifdal jingħata huwa dak tat-tħassir tal-Ordni u t-tqegħid tal-partijiet, kemm jista' jkun, fil-qagħda li kienu fiha qabel inħareġ l-istess Ordni;

Illi dwar l-**ewwel talba attriċi** għandu jingħad ukoll li ECP tisħaq li dak l-Ordni maħruġ kontriha ma kienx jiswa

---

[15] Dok "EM9", f'paġ. 245 tal-proċess
[16] Dokti "A" u "EM12", f'paġġ. 6 u 248 tal-proċess
[17] Rik. Nru. 1482/06

minħabba li nħareġ "in kontravenzjoni tal-artikolu 469A tal-Kap 12". Fir-Rikors Maħluf tagħha ECP ma kenitx semmiet taħt liema waħda jew uħud mill-bosta kawżali maħsuba fl-imsemmi artikolu 469A kienet qiegħda ssejjes l-azzjoni tagħha. Kien minħabba f'hekk li MIP kienet irriżervat li tressaq eċċezzjonijiet oħrajn jekk u meta ECP tiċċara sewwa tali kawżali. Minbarra dan, fl-istess ewwel talba ECP ħalliet miftuħa l-possibilita' li din il-Qorti tqajjem il-"kwestjoni kostituzzjonali" marbuta mal-allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali maħluqa mit-tħaddim tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 169 u tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 228. Kien taħt dawn iż-żewġ artikoli tal-liġi li MIP ħarġet u wettqet l-Ordni ta' Żgumbrament kontra ECP mill-fabbrika konċessa lilha;

Illi l-Qorti tqis li għandha tindirizza l-ewwel dan l-aħħar aspett tal-ewwel talba attriċi. Irid qabel xejn jingħad li, la matul is-smigħ tal-kawża u lanqas waqt it-trattazzjoni tal-għeluq tal-każ ma saret xi talba speċifika min-naħa ta' ECP jew id-difensur tagħha biex din il-Qorti tinvesti, b'mod formali, it-tqanqil tal-"kwestjoni kostituzzjonali". Fit-tieni lok, mill-mod kif issawret l-ewwel talba, lanqas ma tqiegħdet b'mod li s-siwi tal-Ordni maħruġ minn MIP kellu tabilfors jitkejjel kontra x-xiber tal-kostituzzjonalita' tal-imsemmija dispożizzjonijiet tal-liġi. Fit-tielet lok, il-Qorti ma ħassitx il-ħtieġa li, fid-dawl tal-provi kif imressqa mill-partijiet (l-aktar minn ECP), kellha għalfejn tistħarreġ il-kostituzzjonalita' tal-artikoli msemmija fid-dawl tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ladarba dwar din il-kwestjoni kien hemm diġa' direzzjoni mogħtija mill-Qorti kompetenti[18] sa minn qabel ma kienet infetħet din il-kawża u liema direzzjoni ttenniet dan l-aħħar ukoll min dik l-istess Qorti[19];

Illi dwar il-kawżali tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju li fuqha ECP ssejjes l-ewwel talba tagħha, baqgħet ma ngħatat l-ebda tismija ċara min-naħa tal-istess ECP. Waqt it-trattazzjoni tal-għeluq, l-għaref difensur tal-kumpannija attriċi fisser li l-għamil li jikser il-jeddijiet tal-

[18] Kost. **11.4.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emmanuel Camilleri et vs Kummissarju tal-Artijiet et***
[19] Kost **11.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel sive Charles Camenżuli et vs Kummissarju tal-Artijiet et***

kumpannija minnu patroċinata "joħroġ mill-użu arbitrarju li l-konvenuta għamlet taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap 228". Dan ifisser li ECP qiegħda tattakka t-tħaddim tad-diskrezzjoni fdata mil-liġi lil MIP fit-teħid tad-deċiżjoni tagħha li tneħħi lil ECP mill-fabbrika;

Illi matul is-smigħ tal-każ, ECP bniet il-każ tagħha fuq dak li tqis bħala l-imġiba diskriminatorja ta' MIP fil-konfront tagħha meta mqabbel ma' dik murija ma' oħrajn bħalha, u wkoll fuq in-nuqqas ta' bona fidi tal-istess MIP fir-rigward tagħha tul iż-żmien. Min-naħa l-oħra, MIP tisħaq li l-ebda waħda mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jqarrab lejn dak li dwaru tilminta ECP. Minbarra dan, iżżid tgħid li kien hemm żewġ raġunijiet tajba għaliex hija talbet li jinħareġ l-Ordni kontra ECP: l-ewwel waħda kienet il-ksur ripetut min-naħa ta' ECP tal-kundizzjonijiet tal-"*letter of intent*" li bis-saħħa tiegħu l-kumpannija attriċi kisbet il-pussess tal-fabbrika; filwaqt li t-tieni waħda kienet il-ħtieġa li kull fabbrika fil-Qasam Industrijali kellha titbattal biex ikun jista' jitwettaq proġett industrijali kbir f'dawk l-inħawi (il-proġett ta' *Smart City*). Hija tixli lil ECP li qagħdet tinħela fit-tressiq ta' bosta provi irrilevanti maħsuba biss biex ixerrdu l-attenzjoni tal-Qorti minn fuq il-kwestjoni li kien hemm tassew. Fil-qafas ta' dan kollu, MIP tisħaq li hija mxiet ma' ECP kif titlob il-liġi u b'ħarsien fidil tat-termini u l-proċedura maħsuba fil-liġi;

Illi l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jagħti s-setgħa lil din il-Qorti li tistħarreġ is-siwi ta' għamil amministrativ jew li ssib li għamil bħal dak ma jkunx jiswa, jkun null jew bla effett, kull meta l-imsemmi għamil jew (a) ikun jikser il-Kostituzzjoni, jew billi (b) jkun *ultra vires*, billi jew (i) jitwettaq minn awtorita' li ma jkollhiex is-setgħa li twettaq għamil bħal dak, jew (ii) meta l-awtorita', minkejja li kellha s-setgħa, tonqos li twettaqha billi tħares il-prinċipji tal-ħaqq naturali jew ħtiġiet mandatorji fit-twettiq tad-deċiżjoni jew fid-deliberazzjonijiet magħmula qabel dak it-teħid, jew (iii) jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa billi jsir għal għanijiet mhux xierqa jew taħt konsiderazzjonijiet irrilevanti, jew (iv) meta l-għamil imur mod ieħor kontra l-liġi. Ma hemm l-ebda dubju li l-Ordni

ta' Żgumbrament maħruġ kontra ECP huwa għamil amministrattiv li għalih jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu, u kif ingħad fis-sentenza preliminari u għar-raġunijiet hemm imsemmija, MIP għandha titqies bħala l-awtorita' pubblika li waslet għat-teħid tad-deċiżjoni u għat-talba biex jinħareġ l-Ordni tal-Iżgumbrament. Mill-mod kif inhi mfassla l-azzjoni attriċi, mbagħad, u mis-sottomissjonijiet imressqin minnha f'għeluq il-kawża, jidher li ECP tibni l-każ tagħha kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(a) u kif ukoll dawk tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) u (iii)[20];

Illi m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li MIP kellha s-setgħa mil-liġi li tamministra l-bini li minnu talbet li ECP toħroġ fl-Ordni kontestat minn din[21]. Minħabba li l-Ordni nħareġ ukoll bis-saħħa ta' liġi[22], lanqas ma hemm dubju dwar il-"legalita'" tal-Ordni. Dak li l-Qorti trid tqis huwa l-mod kif l-Ordni nħareġ u jekk seħħitx xi ħaġa li biha t-twettiq ta' dak l-Ordni jew mar lil hinn mis-setgħat mogħtija jew ma sarx sewwa. Kif ingħad drabi oħra, taħt it-tifsira ta' twettiq ta' setgħat b'mod "*ultra vires*", taqa' wkoll it-twettiq ta' setgħat b'mod ħażin, b'mod partikolari bi ksur tal-prinċipji tal-ħaqq naturali[23];

Illi meta l-Qorti tintalab biex tistħarreġ għamil amministrattiv trid tara li dak l-għamil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem li (a) l-għamil ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' liġi, (b) minn persuna jew awtorita' li tkun ingħatatilha dik is-setgħa bil-liġi, u (ċ) li hi u twettaq tali setgħa dik il-persuna jew dik l-awtorita' tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal għanijiet mhux xierqa. Fejn it-twettiq ta' xi setgħa jġib miegħu l-użu ta' diskrezzjoni, l-liġi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti b'ħarsien tar-regoli ta' ġustizzja naturali;

Illi jibqa' wkoll il-fatt li meta Qorti tintalab tistħarreġ għamil amministrattiv, hija tista' u għandha tgħarbel **kif** l-awtorita' pubblika tkun eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha u ta' xiex

---

20 Ara premessa 6 tar-Rikors Maħluf
21 Ara l-ewwel u t-tieni *proviso* tal-art. 2 tal-Kap 169
22 Art. 3(1) tal-Kap. 228
23 App. Ċiv. **19.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***General Workers' Union vs Bank of Valletta p.l.c.***

tkun ħadet kunsiderazzjoni f'dak l-eżerċizzju[24]. Iżda l-Qorti ma għandha qatt tissostitwixxi b'tagħha d-diskrezzjoni li hija bil-liġi mħollija f'idejn dik l-awtorita'[25] u wisq anqas tgħaddi biex hija stess tieħu deċiżjoni li, bil-liġi, tkun tmiss lil dik l-awtorita' mogħnija bis-setgħa meħtieġa[26]. U għalhekk, sakemm dan l-eżerċizzju jibqa' wieħed "ta' kassazzjoni", l-Qorti ma tindaħalx dwar jekk id-deċiżjoni jew l-għamil imwettaq ikunx wieħed sostantivament korrett, sakemm ikun formalment raġonevoli u jaqa' fil-limiti tas-setgħat mogħtija lil dik l-awtorita' li tkun wettqet l-istess għamil;

Illi f'din il-kawża, ECP tallega li MIP imxiet magħha bi ksur tal-jeddijiet tagħha u b'mod arbitrarju. Ladarba aktar 'il fuq intwera li l-Ordni nħareġ bis-saħħa ta' liġi li hija fis-seħħ u minn awtorita' li l-istess liġi tagħtiha s-setgħa li toħroġ Ordni bħal dak, ma jistax jingħad li l-ħruġ minnu nnifsu tal-ordni huwa tassew wieħed arbitrarju. Jista' jkun arbitrarju l-**mod kif** MIP waslet għad-deċiżjoni li waslet għaliha jew il-mod kif wettqitha. Dan hu l-istħarriġ li sejra tagħmel din il-Qorti b'qies tal-provi mressqa quddiemha mill-partijiet u taċ-ċirkostanzi kollha marbuta mal-każ;

Illi ECP tallega wkoll imġiba diskriminatorja fil-konfront tagħha min-naħa ta' MIP. F'każ bħal dan, jaqa' fuqha l-piż li tipprova dak li tallega. Minbarra dan, illum il-ġurnata huwa stabilit sewwa li biex jitqies li jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna jeħtieġ jirriżulta li (a) jkun ingħata lil persuna trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħrajn (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixbahha, (ċ) liema trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita' bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat[27];

Illi mill-atti tal-kawża ħareġ li ECP qatt ma kellha titolu veru u proprju għall-fabbrika mertu tal-każ. Sa minn

---

[24] P.A. GV **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Attard vs Enemalta Corporation*** (każ ta' eżami intern) (mhix appellata)
[25] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Psaila vs Kummissarju tal-Pulizija*** (każ ta' talba għal ħruġ ta' liċenza) (mhix appellata)
[26] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika noe et***
[27] Ara Kost. **25.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Paċe Cole vs Chairman Maltacom p.l.c. et***

Settembru tal-1987, kienet tgawdi l-pussess tagħha bis-saħħa ta' "*letter of intent*" li kien fiha għadd ta' kundizzjonijiet, imma li qatt ma kienet segwita b'kuntratt ta' kirja jew ta' allokazzjoni formali. Sadattant, ECP kienet bdiet tħallas għall-okkupazzjoni tal-fabbrika. Ħareġ ukoll li, wara xi żmien, ECP ma baqgħetx tħallas aktar ir-renta;

Illi l-provi li ressqet ECP dwar it-trattament differenti li hija tgħid li ngħata ħaddieħor min-naħa tal-MIP[28] jikkonċentraw l-aktar dwar il-fatt li kien hemm minnhom li wkoll kienu waqgħu lura fil-ħlas tal-kera u /jew li ma kenux iħaddmu għadd ta' nies daqs kemm kien imisshom iħaddmu skond id-daqs tal-fabbrika jew skond il-kundizzjonijiet tal-"*letter of intent*" relativa. Dan l-argument m'huwiex tajjeb għaliex, minkejja dawk l-allegazzjonijiet, ECP ma wrietx li l-kundizzjonijiet ta' dawk il-fabbriki l-oħrajn kienu bħal tagħha. Fit-tieni lok, ECP innifisha kienet intrabtet li n-nuqqas ta' tħaris ta' xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-"*letter of intent*" kien ikun biżżejjed biex MIP (bħala suċċessur ta' Malta Enterprise) tista' ttemm il-konċessjoni. Fil-każijiet kollha, madankollu, kull fabbrika li kienet okkupata minn xiħadd fil-Qasam Industrijali ta' Rikażli fiż-żmien partikolari, kienet tbattlet mill-okkupanti minħabba l-proġett ta' *Smart City*[29] u fil-biċċa l-kbira minnhom (tneħħi wħud[30]) kollha ngħatalhom post alternativ f'Oqsma Industrijali oħrajn[31];

Illi mill-istess atti tal-kawża ħareġ ukoll li, f'xi żmien meta kien qiegħed jidher li l-inħawi tal-Qasam Industrijali ta' Rikażli kienu waqgħu taħt il-mira tal-Gvern bħala s-sit tal-proġett ta' *Smart City*, ECP kienet taf li kienet intlaqtet minn dik il-fehma u kienet saħansitra lesta li toħroġ mill-fabbrika allokata lilha[32]. MIP kienet ukoll indikatilha post ieħor li setgħet tqegħidha fih, f'qasam industrijali ieħor, iżda ECP dehrilha li l-post offert kien żgħir u mhux tajjeb għall-ħtiġijiet tagħha[33];

[28] Ara Dok "ECP10", f'paġ. 135 tal-proċess
[29] Xhieda ta' Emanuel Micallef 2.3.2010 f'paġ, 161 tal-proċess
[30] Ara xhieda ta' Ray von Brockdorff 19.5.2011 f'paġġ. 230 – 1 tal-proċess
[31] Dokti "ECP17" u "ECP18", f'paġġ. 179 – 180 tal-proċess
[32] Par. 2 tar-Rikors maħluf
[33] Xhieda ta' Anthony Pisani 14.6.2012, f'paġġ. 268 – 9 tal-proċess

Illi ECP tilminta min-nuqqas ta’ tweġiba ta’ MIP għas-sejħat tagħha biex issir laqgħa ħalli tinstab triq bi qbil bejniethom għas-soluzzjoni tal-kwestjoni tan-nuqqas ta’ ħlas, dment li tinstab soluzzjoni wkoll fuq il-post alternativ xieraq li ECP kienet tippretendi li tingħata. Tilminta wkoll mill-fatt li MIP, wara żmien twil biex tikkunsidra li ssir laqgħa, talbet il-ħlas ta’ biċċa kbira mill-arretrati tal-okkupazzjoni li ECP kien messha ħallset żmien qabel, u ordnat il-ħruġ tal-Ordni ta’ Żgumbrament. Għal ECP din l-imġiba tixhed mala fidi min-naħa ta’ MIP;

Illi l-atti tal-kawża juru li t-twissija ta’ MIP lil ECP biex toħroġ mill-fabbrika u li kienet qiegħda tirtiralha l-“*letter of intent*” ingħatat sa mill-anqas sitt (6) xhur qabel ma nħareġ l-Ordni[34], u matul dak iż-żmien għaddiet bejn il-partijiet sensiela ta’ korrispondenza u komunikazzjonijiet li bl-ebda mod ma juru li MIP ħadet id-deċiżjoni tagħha ħesrem jew mingħajr pre-avviż[35]. L-imġiba ta’ ECP ukoll kienet tagħraf li MIP setgħet tieħu deċiżjoni bħal dik, u l-fatt li hija ressqet appell minn dik id-deċiżjoni[36] juri li ECP ma tistax tilminta li ma ngħatatx smigħ qabel ma nħareġ l-Ordni;

Illi fid-dawl tal-provi kollha li tressqu u taċ-ċirkostanzi li ħarġu fil-każ, il-Qorti ssib li l-imġiba ta’ MIP ma’ ECP f’din il-ġrajja ma tistax titqies bħala waħda irraġonevoli jew arbitrarja. Jekk wieħed iqis li ECP kienet naqset mir-rabtiet tagħha aktar minn darba u fuq medda mdaqqsa ta’ żmien, u meta wieħed iqis ukoll li ECP ma kellhiex titolu għall-fabbrika li kienet qiegħda tokkupa, għandu jkun ċar li MIP wżat linja ta’ mġiba li kienet x’aktarx aktar minn dak li n-nuqqas imsemmi kien jagħtiha d-dritt li ssegwi;

Illi l-liġi kienet tagħti lil MIP diskrezzjoni, minbarra li l-eżiġenzi ta’ politika (*policy*) kienu wkoll iddettawlha li l-Qasam Industrijali kellu jitneħħa minn fejn kien biex jagħmel wisgħa għall-proġett. Biex imġiba titqies abbużiva min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta’ intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma

---

[34] Dok “A”, f’paġ. 6 tal-proċess
[35] Ara Dokti “ECP11” sa “ECP15”, f’paġġ. 172 – 7 tal-proċess
[36] Taħt l-artt. 27(6) u 30(1)(2) tal-Att tal-1988 dwar il-Promozzjoni tan-Negozju (Kap 325) ara Dok “ECP2”, f’paġġ. 126 – 7 tal-proċess

wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "*rite*" u kif ukoll "*recte*", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq[37]. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli;

Illi huwa mgħallem fid-duttrina li "*A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably. ... Virtually, all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons, but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness within which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires*"[38]. Il-kejl ta' twettiq raġonevoli ta' diskrezzjoni amministrativa jinbena fuq kriterji oġġettivi[39];

Illi mill-konsiderazzjonijiet kollha li ssemmew aktar qabel il-Qorti tasal għall-fehma li d-diskrezzjoni mħaddma minn MIP f'dan il-każ ma twettqitx b'mod irraġonevoli jew arbitrarju, u għalhekk ma ssibx li l-ilment ta' ECP kif magħmul fl-ewwel talba tagħha huwa mistħoqq;

Illi dan ifisser li l-eċċezzjonijiet fil-mertu mressqa minn MIP huma tajba u għalhekk l-ewwel talba attriċi m'hijiex sejra tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[37] App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji***

[38] HWR Wade & CF Forsyth Administrative Law (10th. Edit.), paġġ. 295 – 6

[39] P.A. RCP **20.10.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephanie Dalli vs Dr. Valerie Sollars et*** (mhix appellata)

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ma ntweriex li l-Ordni ta’ Żgumbrament maħruġ mill-kumpannija mħarrka fil-25 ta’ Settembru, 2006, li bih il-kumpannija attriċi nħarġet ’il barra mill-fabbrika RL20A fil-Qasam Industrijali ta’ Rikażli twettaq b’mod abbużiv, irraġonevoli jew *ultra vires* jew bi ksur tal-jeddijiet tal-kumpannija attriċi skond il-liġi;

**Tastjeni milli tqis aktar it-tieni talba attriċi** ladarba l-Ordni kien twettaq sa ma bdiet tinstema’ din il-kawża u ladarba t-tieni talba hija konsegwenzjali għall-ewwel talba;

**Tilqa’ l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-kumpannija mħarrka; u

**Tordna** li l-kumpannija attriċi tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, b’dan li l-ispejjeż marbuta mas-sentenza preliminari tad-29 ta’ Settembru, 2009, jitħallsu kif ordnat fl-imsemmija sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------